MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2014

Numru. 1093/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**KYLE MUSCAT**

**KEITH MUSCAT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **KYLE MUSCAT** ta' tmintax-il (18) sena, imwieled Pieta' nhar is-7 ta' Dicembru 1995, bin Michael u Josephine nee' Falzon, residenti gewwa 7 JUZMIKE, Triq il-Marlogg Zabbar u detentur ta' Karta tal-Identita' nru 520495M u **KEITH MUSCAT** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, imwieled l-Pieta' nhar il-25 ta' Settembru 1991, bin Michael u Josephine nee' Falzon, residenti gewwa 7 JUZMIKE, Triq il- Marlogg, Zabbar u detentur ta' karta ta' l-Identita Nru 483291M gew akkuzati talli nhar it-8 ta' Novembru 2014 ghall habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (1.00pm) gewwa garaxx fi triq San Guzepp Haz- Zabbar :

Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe' fuq il-persuni tal-Ispettur Jurgen Vella, PS1116 V. Bartolo, u PC1231 R. Agius.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw jew heddew jew ghamlu offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzghu fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-Pulizija u cioe' fuq il-persuni tal-Ispettur Jurgen Vella, PS1116 V. Bartolo, u PC1231 R. Agius.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jaghmlu id-

dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li il-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu.

U aktar talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

U lil **KYLE MUSCAT** wahdu:

Talli fl- istess lok, hin u taht l- istess cirkostanzi imsemmija hawn fuq, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Jurgen Vella.

U aktar talli fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi ikkagguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ispettur Jurgen Vella u dan kif iccertifikat minn Dr Alexandra Baldacchino MD tal-Klinika tal-Gvern ta' Rahal Gdid.

U aktar talli gewwa il- Kwartieri Generali tal-Pulizija il-Furjana u cioe' fit-8 ta' Novembru 2014 fl-erba' u nofs ta' wara nofsinhar (4.25pm) quddiem l-Ispetturi Mario Tonna u Josric Mifsud holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkun jistgha jiswa ta' prova kontra persuni ohra, u cioe' kontra l-Ispettur Jurgen Vella bil-hsieb li b'hekk dan l-Ufficjal pubbliku jkun jistgha jigi kontra s-sewwa akkuzat jew misjub hati ta' reat billi iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx,

inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar.

U aktar talli gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, u cioe’ fit-8 ta’ Novembru 2014 fl-erba’ u nofs ta’ wara nofsinhar (4.25pm) bil-hsieb li jtellef il-gieh jew inaqqas il-gieh ta’ l-Ispettur Jurgen Vella bil-kliem b’ kitba jew gest immalafama l-istess Spettur Jurgen Vella.

U aktar talli gewwa il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, u cioe’ fit-8 ta’ Novembru 2014 fl-erba’ u nofs ta’ wara nofsinhar (4.25pm) bil-hsieb li jghamel hsara lill- Ispettur Jurgen Vella akkuzah quddiem awtoritajiet kompetenti b’reat filwaqt li jaf li dan ir-reat ma sehhx.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-Ispettur Jurgen Vella sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta’ somma flus li tigi iffissatha kif jidhrilha xieraq l-Onorabli Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom statement u personal details tal-imputat Keith Muscat, statement u personal details tal-imputat Kyle Muscat, zewg certifikati medici, zewg dikjarazzjonijiet tar-rifjut, okkorrenza, u hdax-il (11) ritratt go envelop kannella mmarkat Dok CSH.

Semghet lill- Prosekuzzjoni tirtira l-akkuza li Kyle Muscat ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-Ispettur Jurgen Vella u dan peress illi f'dan l-istadju ghadu ma jirrizultalhiex jekk il-ferita hijiex gravi.

Invista ta' dan, semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tad-9 ta' Novembru 2014 u dana fil-presenza tal-avukat taghhom u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-9 ta' Novembru 2014.

Il-Qorti rat illi l-akkuzi odjerni jikkoncernaw ferita u rezistenza fuq ufficcjal pubbliku w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tibghat messagg lis-socjeta' li tali atteggjament m'huwiex accettabli w ghandu jigi censurat. Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi. Il-Qorti ghandha tinkoraggixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.

Din il-Qorti hawn ghandha kaz kiefer fejn bniedem hebb u ingurja u fera ufficcjal pubbliku waqt id-dmirijiet tieghu. Min ikun responsabbli ghal agir bhal dan irid jirrispondi ghal ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa.

Bhalma qalet il-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Dominic Bonnici'</u>** deciza nhar il-11 ta' Novembru 2004, fejn gie ritenut li:

*"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."*

Ghalhekk, kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Raymond Rotin'</u>** deciza fid-9 ta' Frar 2010 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Ghawdex) meta javvera ruhhu r-reat kontemplat fl-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali, ir-regola ghandha tkun piena karcerarja b'effett immedjat. Bid-dovut rigward lejn id-difiza li tghid li gidma f'sebgha mhix xi ferita serja, mhix gustifikabbli ghal din il-Qorti u dan ghaliex kull ferita li tigi inflitta fuq ufficcjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu hija agir kundannabbli u ghalhekk zgur li ma tistax titqies bhala wahda *de minimis*. Il-gravita` ta' dan ir-reat tirrisjedi mhux fil-konsegwenzi li effettivament jirrizultaw fil-ferita, izda fil-potenzjalita` tal-hsara lill-ufficjal pubbliku kif ukoll fil-potenzjalita` tal-hsara ghall-ezekuzzjoni tal-ligi.

Il-Qorti rat ukoll li r-reati kif kontemplati fl-Artikoli 95 u 96 gew emendati b'Att V tas-sena 2014 fejn il-legislatur hass li ghandu jkun hemm zieda fil-pieni f'dawn it-tipi ta' reati li qed isiru komuni u appuntu ghalhekk din il-Qorti waqt li ticcensura l-attegjament tal-imputati, sejra taghti qies lil dawn l-istess emendi.

Il-Qorti semghet lill-ufficcjal prosekutur jghid li effettivament iz-zewg imputati ma rreagixxewx bl-istess mod fis-sens li l-imputat Kyle Muscat kien hafna aktar feroci fl-attegjament tieghu tant li spicca gidem lill-Ispettur Jurgen Vella u hu appuntu ghalhekk li l-piena li sejra terroga din il-Qorti mhix ser tkun l-istess. Minkejja li l-Qorti hija konxja li l-imputat Kyle Muscat ghandu biss tmintax-il sena, xorta thoss li tali agir huwa kundannabbli u ta' stmerrija kbira.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli Artikoli 92, 95, 96, 101, 110(1)(2), 214, 221, 252, 338(dd)(ee) u 383(1)(2)(3)**

**tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati KYLE MUSCAT u KEITH MUSCAT hatja tal-akkuzi u tikkundanna lill-imputat KYLE MUSCAT sitt xhur prigunerija effettivi u lill-imputat KEITH MUSCAT sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Inoltre, tikkundanna liz-zewg imputati KYLE MUSCAT u KEITH MUSCAT ihallsu multa ta' erbat elef ewro (€4000) kull wiehed ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u ghoxrin ewro (€120) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel pagament huwa dovut sa mhux aktar tard mid-9 ta' Dicembru 2014.**

**Oltre dan, torbot lill-imputati taht penali ta' hames mitt ewro (€500) li ma jimmolestawx, ma jingurjawx u ma jheddux lill-Ispettur Jurgen Vella ghal**

**perjodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Semghet lill-imputat Kyle Muscat jiddikjara li fil-prezent jinsab taht kura Psikjatrika u dan taht il-kura tal-Psikjatra Etienne Muscat.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jassisti lill-imputat u jindirizza l-problema psikjatrika u jghinu fil-kundizzjonijiet psikjatrici u jekk ikun il-kaz, ghandu wkoll jibghatu ghall-kura l-Isptar Monte Carmeli.**

**Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali bil-ghan li jkun f'pozizzjoni ahjar li jigbor il-multa inflitta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------